II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/921

tas-7 ta' Ġunju 2021

li tawtorizza lin-Netherlands japplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni għal elettriku fornut direttament lil bastimenti rmiġġati f'port

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra datata l-10 ta' Awwissu 2020, in-Netherlands talab awtorizzazzjoni biex japplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni għal elettriku li jiġi fornut direttament lil bastimenti marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni rmiġġati f'port ("elettriku mix-xatt") skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE.

(2) Bir-rata ta' tassazzjoni li beħsiebu japplika, in-Netherlands għandu l-għan li jippromwovi iżjed l-implimentazzjoni u l-użu tal-elettriku mix-xatt. L-użu ta' tali elettriku huwa meqjus bħala mezz li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-elettriku tal-bastimenti rmiġġati f'port meta mqabbel mal-ħruq ta' karburanti tal-bastimenti minn dawk il-bastimenti.

(3) Sa fejn l-użu tal-elettriku mix-xatt jevita l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja li jirriżultaw mill-ħruq tal-karburanti tal-bastimenti mill-bastimenti rmiġġati, dan jikkontribwixxi għal titjib fil-kwalità tal-arja lokali fl-ibliet portwarji u għal tnaqqis fl-istorbju. B'mod partikolari, taħt il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-istruttura tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fin-Netherlands, l-użu tal-elettriku mix-xatt minflok l-elettriku ġġenerat permezz tal-ħruq tal-karburanti tal-bastimenti huwa mistenni li jnaqqas l-emissjonijiet tas- CO_2, sustanzi oħra li jniġġsu l-arja u l-istorbju. Il-miżura hija għalhekk mistennija tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Unjoni fir-rigward tal-politiki ambjentali, tas-saħħa u tal-klima tagħha.

(4) Il-permess li jingħata lin-Netherlands biex japplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni għal elettriku mix-xatt ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jiżdied l-użu ta' tali elettriku, peress li, fil-maġġoranza tal-każijiet, il-ġenerazzjoni abbord tal-elettriku se tibqa' l-alternattiva l-aktar kompetittiva. Għall-istess raġuni, u minħabba li bħalissa l-penetrazzjoni tat-teknoloġija fis-suq hija relattivament baxxa, huwa improbabbli li l-miżura se twassal għal distorsjonijiet sinifikanti fil-kompetizzjoni matul il-ħajja tagħha u għalhekk mhijiex se jkollha effett negattiv fuq il-funzjonament korrett tas-suq intern.

(5) Kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE trid tkun strettament limitata fir-rigward ta' żmien. Sabiex jiġi żgurat li l-perjodu tal-awtorizzazzjoni jkun twil biżżejjed sabiex l-operaturi ekonomiċi rilevanti ma jiġux skoraġġuti milli jagħmlu l-investimenti meħtieġa, huwa xieraq li l-awtorizzazzjoni tingħata mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2027. Madankollu, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ

([1]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

li tieqaf tapplika mid-data tal-applikazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni ġenerali dwar benefiċċji fuq it-taxxa għall-elettriku mix-xatt adottata mill-Kunsill taħt l-Artikolu 113 jew kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jekk tali dispożizzjoni ssir applikabbli qabel it-30 ta' Ġunju 2027.

(6) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

In-Netherlands huwa awtorizzat japplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni għal elettriku fornut direttament lil installazzjonijiet tal-elettriku mix-xatt għal bastimenti, għajr għal opri tal-baħar privati għar-rikreazzjoni, irmiġġati f'port, dment li jkunu rispettati l-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2027.

Madankollu, jekk il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq il-bażi tal-Artikolu 113 jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra rilevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jipprevedi regoli ġenerali dwar benefiċċji fuq it-taxxa għall-elettriku mix-xatt, din id-Deċiżjoni għandha tieqaf tapplika fil-jum li fih isiru applikabbli dawk ir-regoli ġenerali.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fil-Lussembugu, is-7 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
F. VAN DUNEM